MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 321/2011

**A V**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Ottubru 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li ghadhom minuri;

2. Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-esponenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-intimat illi fixklu serjament il-hajja matrimonjali kif ser jigi ippruvat ahjar minn xhieda fil-mori ta' din il-kawza;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tad-9 ta' Ottubru 1999 l-fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
2. Tawtorizzha lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel ma' dak premess mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha inkwantu ghal li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Ottubru 1999 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal ossia Carl Michael u Ryden, it-tnejn minuri;
2. Illi l-esponenti jissottometti illi kemm l-gherusija tal-partijiet kif ukoll l-ewwel hames snin tal-hajja mizzewga u ossia sas-sena 2006 ir-relazzjoni tal-partijiet u l-hajja mizzewga kienet normali, stabbli, trankwilla, u kien jezisti ambjent ta' familja;
3. Illi l-inkwiet bejn il-partijiet beda fis-sena 2006, izda dan ghar-ragunijiet li huma esklusivament imputabbli lill-attrici u li certament ma jimmeAwx dikjarazzjoni ta' nullita;
4. Illi mhuwiex minnu li l-kunsens tal-esponenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-

dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazjonijiet essenzjali taz-zwieg;
5. Illi l-anqas ma huwa minnu li l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-esponenti li setghet mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg ma kienx ivvizjat, u jekk iz-zwieg tkisser certament li dan kien imputabbli ghal ragunijiet li gew wara l-ghoti tal-kunsens tal-partijiet u li ma kinux prezenti waqt il-hin tal-kunsens, u li ghaldaqstant ma jistghux jaffettwaw il-validita` o meno taz-zwieg in kwistjoni;
7. Illi ghaldaqstant iz-zwieg bejn il-partijiet huwa validu;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti martu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda t al-konvenut ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

**Il-verzjoni tal-attrici**

Ir-rikorrenti tibda billi tghid li ltaqghet mal-intimat meta kellha wiehed u ghoxrin sena filwaqt li l-intimat kien akbar minnha sena. L-gherusija damet madwar erba' snin u nofs. Donnha x'taghti x'tifhem li d-decizjoni li jizzewgu

spuntat meta semghu reklam li kienet fethet sala tat-tigijiet godda u l-intimat staqsiha jekk riditx li jmorru jarawha. Tghid li l-intimat kien izieghel biha u prattikament ma kien jonqosha xejn mieghu pero' l-familja tieghu jidher li kellhom problemi biha u bil-familja taghha. Tghid ukoll li l-intimat ma kienx gej minn ambjent sabih u dan kellu influwenza kbira fuq il-hajja mizzewga taghhom.

Wara sentejn zwieg, ir-rikorrenti harget tqila u tghid li dan kien iz-zmien fejn inbidel kollox. Il-konvenut refa' jdejh fuqha ghaliex (bhal ommu) ma kienx qabel li tkun parrina tat-tarbija ta' kuginuh biex ma jkollhiex ghalfejn taghmel libsa gdida u ma jkollhiex ghalfejn taghtih rigal. Mat-twelid tat-tarbija taghhom, l-intimat sar aktar agressiv u sar mohhu fil-flus, tant li kull haga kien jaraha bhala kapricc. Tghid li anke biex jixtri l-medicini tat-tfal kellu problema. Meta harget tqila bit-tieni tarbija, ommu insinwat ukoll li din ma kienitx tieghu, tant li wara glieda fuq *mobile* ommu kienet issuggerietlu li jisseparaw. Peress li t-tieni wild twielet bil-kumplikazzjonijiet, ir-rikorrenti kellha tiehdu ghal diversi visti ghand it-tabib pero' l-intimat kien jippretendi li m'ghandhiex tiehdu ghal dawn il-visti biex ma jonfoqx flus tad-*diesel* u ma jkollux ihallas ghall-*parking*. Kollox kien zejjed ghalih, anke l-halib tat-trabi imma l-ghalf tal-fniek, is-sigaretti u l-birer tieghu, dawk mhux zejda.

L-attrici tghid li r-relazzjoni mal-wild iz-zghir baqghet qatt ma kienet tajba tant li mhux l-ewwel darba li kien jerfa' jdejh fuqu, anke jekk ma jkun ghamel xejn. Il-konvenut beda wkoll relazzjoni ma' mara ohra li llum il-gurnata jghix maghha u kien insista wkoll li tkun prezenti ghall-*party* tat-tifel meta ghalaq sena. Mar ghaliha Bormla u rega' hadha lura d-dar wara l-*party* minflok ma qaghad jghin lil martu. Xi hmistax –il gurnata wara, din l-istess mara kellha incident bil-karozza u zewgha spicca l-isptar. Skond l-intimat, peress li ma kellhiex kumpanija, din l-istess mara spiccat tghix ghandhom id-dar ghal perjodu tant li l-partijiet ma kienx ikollhom hin ghalihom. Meta mbaghad ir-rikorrenti ddecidiet li ma ridithiex aktar fid-dar taghhom, l-intimat beda jmur ghandha hu, dejjem b'xi skuza differenti. Il-vjolenza u t-theddid kiber, tant li r-rikorrenti tghid li l-intimat gie zgumbrat mid-dar. Maz-zmien saret taf li l-

intimat hekk kien imdorri d-dar, jara s-swat u l-glied minghand missieru. Id-distinzjoni bejn l-ulied baqghet ghaddejja wkoll tant li lill-kbir kien johorgu filwaqt li lit-tifel iz-zghir kien jiehdu mieghu biss meta jkollu bzonnu. Kien ikun verbalment abbusiv ukoll mieghu.

L-attrici taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li ghadha tiehu t-tfal ghand *child psychologist* ghaliex ghadhom ibaghtu mit-trawma minhabba dak li esperjenzaw meta l-genituri taghhom kienu ghadhom flimkien, filwaqt li l-intimat ma jezercita ebda dritt ta’ access ghal uliedu ghaliex iddecieda li ma jarahomx aktar.

**<u>Il-verzjoni tal-intimat</u>**

L-intimat jibda biex jghid li ltaqa’ mar-rikorrenti meta kellu tnejn u ghoxrin sena u jiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda tajba u li kellhom gosti simili. Jghid li anke l-komunikazzjoni ta’ bejniethom kienet tajba. Ingibed lejha mill-ewwel u sar ihobbha tant li jghid li dak li kien ihoss ghaliha, qatt ma hassu ghat-tfajliet li kellu qabel. Jghid ukoll li l-familja tieghu laqghuha tajjeb hafna u kienu jqisuha wahda mill-familja kif kienu jistmawh ukoll il-familja taghha.

Jikkonferma li ghamel zmien jghix mal-familja tar-rikorrenti izda r-raguni li jaghti hija li darba fost l-ohrajn kienet ix-xita u raqad hemm. Baqa’ jorqod hemm sakemm wasal it-tieg. Id-decizjoni ghaz-zwieg jghid li haduha flimkien u t-tnejn kienu kuntenti dwarha. Jghid li kellu seba’ mitt sena biex jizzewweg ghaliex ihobb l-ambjent ta’ familja u ambjent maghqud kif trabba fih u ghalhekk f’dan il-kuntest jichad li qatt xi darba kien imsawwat id-dar.

Jghid li t-tieg u l-*honeymoon* marru kif pjanati u wara li gew lura Malta, bdew jghixu f’Marsaxlokk. Kollox kien sew bejniethom tant li jghid li l-intimita’ ta’ bejniethom kienet wahda regolari, hlief lejn l-ahhar taz-zwieg taghhom. Jghid li kien ferah hafna meta skopra li l-attrici kienet tqila u jghid li kien jiehu hsiebha hafna. Jichad kategorikament li qatt refa’ jdejh fuqha.

Mat-twelid tal-ewwel wild, hajjithom inbidlet u l-konvenut jghid li kien jaghmel dak li jista’ sabiex jghin fit-trobbija tieghu tant li jiddiskrivi lil dan it-tifel bhala l-mimmi t’ghajnejh u dejjem ra li ma kien jonqsu xejn. L-istess gara meta mbaghad twieled it-tieni tifel li twieled bil-kumplikazzjonijiet, tant li dam l-isptar ghal xhur shah. Jghid li hu u r-rikorrenti kienu jmorru l-isptar hdejh u jichad kategorikament li ma kienx ihalliha tmur ghall-visti tat-tabib, tant li jghid li kien imur maghha hu wkoll ghal dawn il-visti.

Jghid li martu, anke fiz-zmien meta kien ghadu bla xoghol, kienet tixtri xi affarijiet lil ommha minn wara dahru (avolja kien jinduna) u li din kienet saret drawwa. Dan l-agir kien idejqu ghaliex hass li ommha baqghet prioA’ f’hajjitha. Minkejja li kellimha fuq din il-kwistjoni, r-rikorrenti baqghet taghmel ta’ rasha. Jghid ukoll li omm ir-rikorrenti kienet iccemplilha biex taghtiha l-flus u b’dan kollu kien isir jaf wara, meta kien imur jara *statement* tal-bank. Jattribwixxi r-responsabbilita’ tat-tifrik taz-zwieg lil ommha, anke minhabba l-indhil taghha. Izid jghid ukoll li r-rikorrenti sfurzatu biex imur jghix fil-garaxx minghajr access ghad-dar matrimonjali.

Jaghlaq billi jghid li minn mindu sseparaw, ir-rikorrenti bdiet taghmel rapporti foloz relatati ma’ vjolenza u jichad kwalunkwe allegazzjoni li l-istess rikorrenti ggib kontrih. Jghid li l-problemi taghhom graw wara li taw il-kunsens lil xulxin u allura m’hemmx lok li l-qorti tilqa’ t-talba ghall-annullament ghaliex iz-zewg partijiet kienu jafu ghal xiex dehlin u kien jaf sew id-drittijiet u d-dmirijiet taz-zwieg.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-7 ta’ Awwissu 2011 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta’ Susan V[1], oht ir-rikorrenti tiddiskrivi lill-intimat bhala ragel vjolenti. Fil-fatt tghid li l-partijiet kienu hassru l-gherusija taghhom ghal xi

[1] Ara l-affidavit taghha a fol 29 tal-process

zmien wara li taha daqqa ta' ponn izda mbaghad regghu irrangaw wara xi ftit granet. Dejjem tafhom jiggieldu izda tghid li ohtha dejjem emmnet li kien ser jirranga. Tghid li l-intimat ma jafx mod iehor ghax trabba f'ambjent ta' vjolenza u swat. Tikkonferma li l-prioAjiet tal-intimat ma kienux f'posthom fis-sens li kien tajjeb li jixtri s-sigaretti ghalih imma kien igibha bi tqila biex igib it-tabib lit-tfal jew biex jixtri l-medicini. Tikkonferma r-relazzjoni adultera li kellu ma' certu Daniela u li meta kien johrog maghha kien isakkar lil ohtha d-dar mat-tfal biex hu jkun jista' johrog. Tikkonferma wkoll li gieli ratu jsawwat lit-tfal quddiemha u li kien jagixxi qisu ma jimpurah minn xejn. Lanqas kien ihalliha tiehu hsieb lit-tifel iz-zghir li kellu bzonn dedikazzjoni specjali bil-mod li kien ordna t-tabib, bhal perezempju li l-istess tifel jinhasel tlett darbiet fil-gurnata ghaliex skond l-intimat, dan kien hela ta' ilma.

Issir referenza wkoll ghax-xhieda ta' Doris V[2], omm ir-rikorrenti fejn tirrakkonta li l-ewwel darba li mar ghandha d-dar, hasbet li l-konvenut kien xi drogat ghax kien jidher mitluq u mahmug. Tikkonferma li kien hemm perjodu meta l-partijiet kienu hassru ghaliex kien refa' jdejh fuqha u ghalkemm ma kienitx indahlet fid-decizjoni ta' bintha, qaltilha li ma riditux aktar id-dar ghaliex ma setghetx tafdah u hasset li seta' jerga' jweggaghha. L-istess xhud issemmi wkoll ir-relazzjoni adultera li kellu l-konvenut ma' din Daniela u tghid li dan kien il-punt meta spicca kollox minn mal-familja taghha, specjalment wara l-episodju li ssemmi wkoll Susan V meta fil-prezenza taghhom kien qaghad jaghti tiekol lil din Daniela laringa, felli felli f'halqha u dan wara li kien irrifjuta li jqaxxar laringa ghal martu.

Issir referenza wkoll ghad-dikjarazzjoni maghmula mit-tabib Dr. Portelli[3] li jikkonferma kemm l-attitudni agressiva tal-intimat kif ukoll il-fatt li kien ikun hemm 'habiba' prezenti fid-dar meta kien imur jinvista lill-minuri z-zghir li jbaghti minn certu kondizzjonijiet.

---

[2] Ara l-affidavit taghha a fol 31 tal-process
[3] Esebit a fol 34 tal-process

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta’ A D[4] fejn tghid li hekk kif l-intimat beda johrog mar-rikorrenti, rat tibdil posittiv fih. Tghid li kien ihobbha bis-serjeta’ u kien leali hafna lejha tant li tiddiskrivi r-relazzjoni taghhom b’mod posittiv immens. Tghid li trabbew f’familja u f’ambjent maghqud u dan wassal lill-intimat sabiex ikun irid familja hu wkoll. Tiftakar il-gurnata taz-zwieg taghhom b’mod fejn iz-zewg partijiet kienu ferhanin kif kienu wkoll meta twieldu l-ulied. Ghalkemm issemmi l-kumplikazzjonijiet li twieled bihom it-tieni wild, tghid li l-partijiet ma hallewx din id-diffikulta’ tkissirhom, anzi zzid tghid li kienu ta’ spalla lejn xulxin. Tikkonkludi l-affidavit taghha billi ssemmi l-fatt li huha beda jorqod fil-garaxx u li l-access ghal uliedu twaqqaf mill-qorti. Tghid li ommha mietet minghajr ma qatghet xewqitha u cioe’ li tara lin-neputijiet taghha u lil A qabel tmut.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 46 tal-process

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maAli; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, r-rikorrenti ssostni li qabel ma zzewgu, kellhom relazzjoni tajba, tant li kien ikun l-istess intimat li kien jitfalha l-flus fil-portmoni biex jara li ma jkun jonqosha xejn. Dan l-aspett inbidel kompletament fiz-zwieg, specjalment meta l-partijiet kellhom l-ulied tant li r-rikorrenti ssostni li ma kienx jafdaha bil-flus, kien imur jixtri hu u kellu estremijiet dwar kif kellhom jintefqu l-flus, anke ghal dak li jirrigwarda d-*diesel* tal-vettura jew ghall-visti tal-isptar. Ir-rikorrenti tattribwixxi din l-attitudni ghall-familja u l-ambjent li trabba fih. Il-qorti taghti kredibbilita' lir-rikorrenti anke dwar l-aspett vjolenti li wera u li agixxa bih l-istess intimat u dan anke in vista tad-dikjarazzjoni li jaghmel it-tabib, li wara kollox huwa xhud imparzjali, kuntrarju ghax-xhieda li jigu mill-partijiet stess. Fil-fatt, l-istess tabib jghid li l-intimat kien wiehed li jizbroffa malajr u ghalhekk, il-qorti ma tistax ma tinnotax li jekk wiehed ikun juri tali agir quddiem barrani, ahseb u ara kif jagixxi meta jkun wahdu ma' martu. Il-qorti tinnota wkoll li qabel iz-zwieg, jidher li kien hemm episodju wiehed ta' vjolenza fejn l-intimat ghamlilha l-ponn u dan wassal ghal interruzzjoni tar-relazzjoni taghhom ghal zmien ta' gimgha. Sussegwentement ma kien hemm ebda tronk iehor tal-istess relazzjoni, liema fatt ikompli jwassal lil din il-qorti sabiex tikkonkludi li verament l-intimat wera li ghandu karattru mod, meta fil-fatt, kellu karattru iehor. Xejn xejn wera li kien iddispjacih talli ghamel billi fil-fatt fl-gherusija ma kienx hemm atti ta' vjolenza aktar, izda maz-zwieg, il-veru karattru tieghu

hareg. Kien wara z-zwieg ukoll li l-attrici skopriet bl-ambjent tal-familja tieghu[5]. Prova ta' dan kollu huma wkoll ir-rapporti li ghamlet ir-rikorrenti mal-Pulizija[6], inkluz rapport partikolari fejn il-Pulizija tkellem mal-wild Ryden fejn dan tal-ahhar stqarr li missieru kien hedded li kien ser jixtri revolver biex jispara ghal ommu[7] kif ukoll ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat li ssuggeriet li l-minuri ghandhom jinghataw il-protezzjoni shiha tal-Qorti fil-konfront ta' missierhom u li jkun hemm sospensjoni tal-access, fost ohrajn[8]. Il-qorti tirrileva wkoll li ssibha ferm difficli temmen li l-intimat qaghad ghand ir-rikorrenti ghal sentejn shah qabel iz-zwieg ghaliex darba kien il-maltemp. Dan kien forsi jitwemmen li kieku dan l-irqad sehh biss ghal ftit jiem, pero' l-fatt li dam sentejn juri li fil-fatt l-istess intimat ma tantx kellu herqa li jmur id-dar ghand il-genituri tieghu. Dan kollu jwassal lill-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat zamm mistur minn martu element krucjali – dak li fit-tfulija tieghu kien imrobbi f'ambjent ikrah ta' vjolenza u li fuq kollox, hu stess kellu karattru vjolenti kif wara kollox johrog car anke waqt il-kontro-ezami tal-istess intimat u mill-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datat l-15 ta' Gunju 2011 relatat ma' akkuza kontra martu, fejn l-istess intimat obbliga ruhu li ma jaghmilx incidenti ohra u skuza ruhu[9]. Tali element necessarjament kien prezenti waqt il-kunsens taz-zwieg, pero' kien mistur ghall-istess rikorrenti ghaliex l-intimat ghamel minn kollox biex jahbi din l-attitudni aggressiva tieghu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[10] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser

[5] Ara r-riezami tal-istess rikorrenti a fol 65 tal-process
[6] Ara a fol 72 – 93 tal-process
[7] Ara a fol 80 tal-process
[8] Ara a fol 125 tal-process
[9] Ara a fol 129 tal-process
[10] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex matuA` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-matuA' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-matuA' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[11] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immatuA' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmatuA' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq kif ukoll mill-provi li gew migbura fil-mori ta' din il-kawza, jirrizulta bl-aktar mod car li fl-gherusija, l-intimat wera li kien ragel ta' rispett, filwaqt li wara z-zwieg wera l-vera karattru tieghu.

[11] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

L-aspetti li ssemmi r-rikorrenti, specjalment l-aspett tal-vjolenza li kien mistur (kif diga' gie diskuss aktar 'il fuq) kif ukoll l-aspett finanzjarju u cioe' li l-intimat kien ihalli lil familtu nieqsa anke mill-affarijiet essenzjali, fejn in kontro-ezami jikkonferma li ma kienx ikun irid jixtri l-medicina ordnata mit-tabib ghaliex skond hu ma kienitx tajba ghat-tifel (meta kien ikun l-istess tabib li kien ilu jikkura l-istess tifel ghal snin) juri kemm l-istess intimat ma kienx jaf x'inhuma l-verament dmirijiet tieghu bhala genitur jew bhala ragel mizzewweg. Il-fatt li kien ihalli lil martu nieqsa jew li trid tiehu l-permess biex tuza l-*cards* tal-bank ukoll juri li hemm sens nieqes ta' fiducja u ta' rispett kif ukoll ta' *understanding* x'inhu z-zwieg ghaliex bejn il-partijiet ma kien hemmx mod ta' kif setghu jikkomunikaw bhala koppja biex jaraw x'inhuma l-ahjar interessi tal-familja, imma kien isir biss dak li l-intimat kien jordna jew jesigi.

Il-mistoqsija li trid tirrispondi din il-qorti hija jekk l-intimat tax kunsens validu jew le. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[12] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li hemm provi bizzejjed biex jinghad li l-intimat ma kellux idea jew id-diskrezzjoni bizzejjed biex verament jifhem x'inhu zwieg. Mhux zwieg bhal ma kien dak tal-genituri tieghu, mhux zwieg fejn ir-ragel jikkmanda u jordna kollox imma zwieg ta' djalogu fejn il-partijiet jiddeciedu flimkien u jkollhom liberta' bizzejjed biex jiehdu certu decizjonijiet fl-ahjar interessi tal-familja. L-intimat kien jippreferi jonfoq il-flus fuq il-habiba tieghu milli jixtri l-medicina lil ibnu. Dan il-fatt juri kemm il-prioAjiet tal-istess intimat kienu ta' taht fuq u dan huwa wkoll prova ta' kemm kellu nuqqas ta' diskrezzjoni fuq l-elementi bazici taz-zwieg u fuq x'inhuma d-dmirijiet tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1) (c) u l-Artikolu 19 (1)(d) tal-Att dwar iz-Zwieg.

---

[12] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------